MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 16/2008

**Brian Busuttil**

**vs**

**ST Microelectronics (Malta) Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Novembru, 2008, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

**"1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-30 ta' Ottubru 2006.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Brian Busuttil, li minn issa 'l quddiem se jissejjah ir-rikorrent, kien irrapprezentat mill-Avukati Jason Azzopardi u Kris Busietta.

2.2 Il-kumpanija ST Microelectronics (Malta) Limited li minn issa 'l quddiem se tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Albert Fenech assistit mill-Avukat John Buttigieg.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata nhar il-11.09.86 fil-kariga ta' *Machine Operator.* Matul l-impjieg tieghu hu kien imwiddeb erbatax-il darba rigwardanti nuqqas ta' produzzjoni, xoghol hazin, falsifikazzjoni ta' *records* tal-produzzjoni, loghob goff bl-idejn fuq il-lant tax-xoghol, hela ta' hin bi tlajjar, u mhux anqas minn darbtejn dwar tipjip f'postijiet projbiti. Ghal habta ta' Settembru 1996 ir-rikorrent kien trasferit minn *Machine Operator* fuq il-linja tal-produzzjoni ghal xoghol iehor fil-kariga ta' *Material Server.* Il-process tal-manifattura tal-prodotti jirrikjedi li l-kumpanija intimata tahzen u kontinwament tuza kemm gass nitrogenu kif ukoll materjali ohra bi propensita` qawwija li jiehdu n-nar. Minhabba li fl-imghoddi kienu graw incidenti ta' hruq li kienu rrizultaw minn tipjip minn impjegati f'postijiet projbiti, il-kumpanija intimata introduciet mizuri aktar stretti kontra tipjip f'postijiet projbiti u wkoll ezercitat mizuri aktar stretti ta' kontroll fuq l-impjegati biex ikunu evitati aktar incidenti ta' hruq. F'Lulju 2006, ir-rikorrent rega' kien irraportat minn zewg impjegati, li talbu li jibqghu anonimi, li flimkien ma' persuna ohra impjegata ma' kuntrattur mikri ghal xi servizzi, kienu qieghdin ripetutament ipejpu f'post projbit. F'xi whud minn dawn l-okkazjonijiet kien irraportat li r-riha li kien ikun hemm b'rizultat ta' l-allegat tipjip kienet tindika li l-persuni rraportati kienu jpejpu l-haxixa. Wara investigazzjoni interna, l-impjegat tal-kuntrattur tkecca minn fuq il-lant tax-xoghol u r-rikorrent kien akkuzat bl-offiza ta' tipjip

f'post projbit, sospiz mix-xoghol bhala mizura prekawzjonarja u eventwalment wara smigh dixxiplinarju fl-ewwel livell u wkoll fil-livell ta' appell, imkecci mill-impjieg nhar it-22.09.06.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Charles Brincat, Albert Fenech u Tonio Portughese xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Ir-rikorrent xehed ghalih innifsu.

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Ir-rikorrent esebixxa:

5.1.1 d-dikjarazzjoni tal-kaz flimkien ma' kopja ta' ittra datata 13.07.06, rigwardanti avviz ta' sospensjoni prekawzjonarja u kopja ta' ittra datata 22.09.06, rigwardanti avviz ta' temma ta' l-impjieg.
5.1.2 kopja ta' *pay slip* li r-rikorrent ircieva mal-paga ghaz-zmien bejn l-04.02.06 u s-17.02.06, konsistenti f'zewg pagni immarkati, Dok. KB/BB/1 u KB/BB/2.
5.1.3 notamenti miktubin minnu li jindikaw il-granet ta' attendenza fuq ix-xoghol ghaz-zmien li kien impjegat mal-kumpanija intimata, immarkat Dok. MS1.
5.1.4 nota ta' l-Avukat Kris Busietta f'isem ir-rikorrent, li fiha stqarr li ma kienx jaqbel mas-suggeriment tat-Tribunal Industrijali li jinhatar espert tekniku bil-hsieb li jivverifika l-veracita tar-rapport li ghamlu z-zewg xhieda tal-kumpanija intimata li talbu biex jibqghu anonimi.

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:
5.2.1 id-dikjarazzjoni tal-kaz li kienet tinkludi dsatax-il dokument annessi, rigwardanti akkuzi li saru kontra r-rikorrent matul l-impjieg tieghu, twiddib miktub li sehh b'rizultat ta' processi dixxiplinarji interni, u avviz tat-temma ta' l-impjieg immarkati, Dok. 01 sa Dok. 19.

5.2.2 nota ta' l-Avukat John Buttigieg bi twegiba ghal 5.1.3 ta' hawn fuq li fiha stqarr li kien jaqbel mas-suggeriment tat-Tribunal Industrijali li jinhatar espert tekniku bil-hsieb li jivverifika l-veracita taz-zewg xhieda tal-kumpanija intimata li talbu biex jibqghu anonimi.

5.3 It-Tribunal Industrijali ta digriet dwar il-hatra li ghamel ta' espert tekniku biex jivverifika li x-xhieda moghtija quddiem it-Tribunal Industrijali minn Charles Brincat, Albert Fenech u Tonio Portughese kienet verament bazata fuq ir-rapport li taw ix-xhieda anonimi.

5.4 Joseph C. Gauci, esebixxa u halef ir-rapport tekniku tieghu dwar l-investigazzjoni li ghamel. Aktar tard waqt il-process ix-xhieda anonimi nghataw il-gurament ghax-xhieda miktuba taghhom.

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 **Charles Brincat,** impjegat fil-kariga ta' *Manager* fid-Dipartiment tal-Manifattura fil-kumpanija, intimata, stqarr li nhar it-12.07.06 kien wasallu rapport minn zewg impjegati li talbu li jibqghu anonimi, fejn allegaw li r-rikorrent flimkien ma' mpjegat tal-kuntrattur li kien jaghmel xoghol ta' *fork-lift driver,* kienu spiss imorru f'kamra fejn ikun hemm mahzun materjal tal-produzzjoni u wara ftit jibdew ixommu riha ta' sigaretti u xi drabi tad-droga haxixa. Ix-xhud zied jghid li z-zewg impjegati kienu bezghu jirraportaw qabel, ghaliex darba fost l-ohrajn kienu raw lir-rikorrent b'arma tan-nar fuqu. Izda minhabba li ftit taz-zmien qabel dan l-ahhar incident, il-kumpanija intimata kienet ziedet il-mizuri ta' sikurezza rigward it-tipjip, bezghu li jekk it-tipjip jinkixef setghu jaqghu taht suspett huma wkoll minhabba li xoghlhom kien vicin il-lokalita' fejn kien isir it-tipjip. Ix-xhud kompla li l-istess zewg impjegati qalulu wkoll li darba fost l-ohrajn kienu raw lir-rikorrent isahhan

xi sustanza li kienet taghmel riha qawwija u li l-loqom tas-sigaretti li kienu jpejpu kienu jitfaghhom f’toqba f’hajt li kienet vicin l-istess kamra. Charles Brincat kompla jghid li mill-ewwel mar ifittex fit-toqba indikata u sab numru ta' loqom ta' sigaretti bil-filtru u ohrajn minghajr filtru li kienu jidhru li huma tal-brim. Ix-xhud temm jghid li z-zewg impjegati kienu mwerwrin mir-rikorrent.

6.2 **Brian Busuttil,** ir-rikorrent stqarr li ilu mpjegat mal-kumpanija intimata ghal ghoxrin sena, u li fil-bidu kien *Machine Operator* u ghal dawn l-ahhar ghaxar snin hadem fil-kariga ta' *Material Server.* Ix-xhud zied jghid li kien jaf li t-tipjip kien projbit fil-fabbrika kollha eskluz il-*canteen* u allura hu kien ipejjep fil-*canteen* biss. Ir-rikorrent cahad li kien ipejjep fil-kamra hdejn l-ufficcju tieghu jew f’xi post iehor fejn it-tipjip kien projbit kif irraportaw li ghamel ix-xhieda li dehru quddiem it-Tribunal Industrijali. Ix-xhud stqarr li l-kamra indikata hi minghajr bieb u hi wkoll accessibbli ghall-impjegati kollha. Waqt il-kontro-ezami r-rikorrent rega' cahad li hu qatt pejjep f’xi post iehor minbarra fil-*canteen,* izda meta kien konfrontat b'dokument immarkat Dok. 08, ammetta li xi zmien qabel kien gie imwiddeb ghall-ahhar darba u sospiz ghal xi granet mix-xoghol ghaliex instab hati li kien pejjep f’post projbit. Riferut ghal okkazjoni ohra meta rega' nstab hati ta' l-istess offiza ripetuta li grat sentejn wara qal li ma jiftakarx. Ix-xhud temm jghid li dak kollu li gara kien ivvintat minn xi hadd li ried jehodlu postu.

**6.3 Albert Fenech,** impjegat fil-kariga ta' *Human Resouces Section Manager* mal-kumpanija intimata ikkonferma d-dikjarazzjoni tal-kaz u stqarr li r-rikorrent beda fl-impjieg nhar il-11.09.86. Matul l-ewwel ghaxar snin ir-rikorrent kellu storja ta' mgiba u abbilta hazina kif jixhdu l-istess dokumenti. Meta kiber, il-kondotta u xoghlu tjiebu, izda l-vizzju ta' tipjip f’postijiet projbiti kompla. Ix-xhud kompla jghid li minhabba li fil-process tal-

manifattura l-kumpanija zzomm hazna u tuza materjali li facilment jaqbdu, hemm projbizzjoni ta' tipjip fil-fabbrika kollha minbarra fil-*canteen* u jezistu mizuri stretti ta' kontroll u nfurzar. Ix-xhud kompla jghid li f'Lulju 2006 kien avvicinat minn wiehed mill-Managers fid-Dipartiment tal-Manifattura u l-Assistent tieghu u gharrfuh bir-rapport li kellhom dwar ir-rikorrent minn zewg impjegati li riedu jibqghu anonimi. Fl-istess waqt Charles Brincat kien ghamel rapport simili lil Tonio Portughese. Il-kumpanija ntimata harget akkuza miktuba kontra r-rikorrent u beda jinstema' l-kaz. Il-kumpanija konsistentament irrifjutat li tizvela l-identita' taz-zewg impjegati li ghamlu r-rapport u dan minhabba l-biza li wrew ghar-ragunijiet li jidhru fl-istess stqarrija ta' Charles Brincat. Ix-xhud kompla li waqt il-process dixxiplinarju ntern, ir-rapprezentanti tal-kumpanija intimata u d-difiza lahqu ftehim biex Tonio Portughese li kien qieghed jisma' l-appell, jinvestiga hu l-kredibilita' taz-zewg xhieda. Wara l-investigazzjoni dan gharraf lid-difiza li x-xhieda kienet kredibbli, il-kaz kompla, ir-rikorrent instab hati u ntemmlu l-impjieg.

**6.4 Tonio Portughese,** impjegat fil-kariga ta' Direttur fil Board tad-Diretturi u wkoll Direttur tad-Dipartiment tar-Rizorsi Umani mal-kumpanija intimata stqarr li hu sema' l-appell tar-rikorrent kontra d-decizjoni ta' l-ewwel Board tad-Dixxiplina. Zied jghid li f'dan il-kaz partikulari hu kien mitlub u fdat mid-difiza biex jinvestiga l-veracita' tar-rapport unanimu li wassal ghall-akkuza kontra r-rikorrent. Ix-xhud kompla li b'rizultat ta' l-investigazzjoni li ghamel, stabbilixxa li r-rapport kien genwin u l-biza' li kellhom l-impjegati li talbu jibqghu anonimi kien fondat. Tonio Portughese stqarr li l-kaz tkompla, ir-rikorrent instab hati u tkecca mill-impjieg.

**7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat John Buttigieg ghall-kumpanija intimata stqarr li:

- ir-raguni ghall-projbizzjoni tat-tipjip fil-fabbrika tal-kumpanija intimata u l-infurzar strett taghha huma minhabba l-konsegwenzi dizastruzi li jistghu jirrizultaw lill-impjegati, lill-kumpanija intimata stess, kif ukoll lill-ekonomija tal-pajjiz f'kaz ta' hruq.
- ir-rikorrent kellu akkuzi precedenti dwar tipjip f'postijiet projbiti, instab hati darbtejn u kien dixxiplinat.
- il-biza li hakmet liz-zewg impjegati li ghamlu l-ahhar rapport kontra r-rikorrent u mpjegat tal-kuntrattur kienet fondata. Dan ghaliex huma fehmu li minbarra tipjip ta' sigaretti, kien ukoll isir tipjip ta' haxixa u kienu jafu li darba fost l-ohrajn ir-rikorrent kien attenda ghax-xoghol u kellu fuqu sikkina u arma tan-nar.
- ix-xhieda tar-rikorrent waqt il-kontro-ezami rigwardanti offizi ta' tipjip f'postijiet projbiti fl-imghoddi ma kinitx kredibbli.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Kris Busietta f'isem ir-rikorrent stqarr li:

- ir-rikorrent tkecca mill-impjieg mhux ghaliex instab hati ta' tipjip f'postijiet projbiti fl-imghoddi, izda ghaliex instab hati wara r-rapport anonimu fl-2006.
- fix-xhieda tieghu r-rikorrent stqarr li hu jpejjep biss fil-*canteen* fejn m'hemmx projbizzjoni.
- l-allegazzjoni ta' tipjip ta' haxixa ma kinitx ippruvata.
- l-allegazzjoni l-ohra li r-rikorrent kien qieghed ipejjep f'kamra hdejn l-ufficcju tieghu ma kinitx ippruvata lanqas, ghaliex minhabba d-digriet tat-Tribunal Industrijali d-difiza ma kellhiex l-opportunita li taghmel kontro-ezami liz-zewg xhieda li ghamlu r-rapport u li xtaqu jibqghu anonimia.
- il-fatt li bejn l-1992 u l-2006 ma sarx rapport iehor kontra abbuz ta' tipjip mir-rikorrent hi

indikazzjoni li dan tghallem mill-izbalji li ghamel fl-imghoddi.

- ir-rikorrent ghandu dritt jirregola l-provi tieghu u l-fatt li l-persuna l-ohra impjegata mal-kuntrattur li allegatament kienet flimkien mieghu waqt l-incident ma ttellghatx tixhed, ma jfisser xejn.
- ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens ghal tkeccija ingusta.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Fatti li jirrizultaw mill-provi u li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jasal ghal decizjoni gusta;

- Wara li taw ix-xhieda taghhom it-tliet xhieda tal-kumpanija intimata, bl-ahhar xhud jixhed nhar is-27.02.07, it-Tribunal Industrijali kellu quddiemu provi tal-kumpanija intimata li ghalkemm kollha rrizultaw minn xhieda li kienet *detto del detto,* it-Tribunal Industrijali ma setghax jiskartha.
- Waqt l-ewwel stadju tas-smigh intern tal-kaz, il-kumpanija intimata rrifjutat li tizvela l-identita` taz-zewg impjegati li ghamlu r-rapport kontra r-rikorrent. Waqt l-appell intern l-Avukat u r-rapprezentant trejdjunjonistiku li kienu qeghdin jassistu lir-rikorrent, esprimew fiducja fl-integrita' tad-Direttur Tonio Portughese u talbuh jivverfika l-veracita tax-xhieda taz-zewg impjegati anonimi. It-tnejn qablu li kienu se joqghodu fuq ir-rapport tad-Direttur. Wara li Tonio Portughese ghamel ir-rapport tieghu dwar is-suggett kif spjega fix-xhieda tieghu, il-kaz kompla minghajr oggezzjonijiet. Minn dan kollu jirrizulta li l-process intern tad-dixxiplina, fejn varja minn normal, kien varjat bi ftehim, u l-kumpanija intimata ghamlet il-gudizzju taghha fuq il-provi li kellha, li ghalkemm kienu *detto del detto,* kienu ngabru b'mod li kien miftiehem bejn il-partijiet. Bhal ma ghamlet fiz-zewg stadji tal-process intern tad-dixxiplina, quddiem it-Tribunal Industrijali il-kumpanija intimata ma riditx ittella' z-

zewg xhieda li xtaqu jibqghu anonimi u strahet fuq ix-xhieda moghtija *detto del detto.*

• Minhabba f'dan kollu, u wkoll minhabba l-fatt li ghalkemm bi ftehim bejn il-partijiet kollha, il-veracita' taz-zewg *detto del detto* kienet mistharrga mill-istess persuna fdata biex tisma' l-appell, it-Tribunal Industrijali ddecieda li jkun ahjar jekk jaghmel verifika indipendenti tax-xhieda moghtija *detto del detto* quddiemu, u agixxa skond digriet li ta rigwardanti s-suggett.

Ix-xhieda ta' Charles Brincat, Albert Fenech u Tonio Portughese dwar l-incidenti moghtija quddiem it-Tribunal Industrijali kienet kredibbli. Ix-xhieda tar-rikorrent quddiem it-Tribunal Industrijali dwar l-offiza ta' tipjip f'postijiet projbiti, li biha kien akkuzat ma kinitx kredibbli.

**9. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddecciedi li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).**"**

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza r-rikorrenti Brian Busuttil jissolleva b'aggravju lezjoni tal-principju fundamentali *audi alteram partem*. Huwa jikkontendi illi t-Tribunal Industrijali ma ppermettilux jikkontroezamina x-xhieda anonima li fuq il-bazi taghha giet imbaghad ippuntellata d-decizjoni tieghu;

In essenza, il-kontestazzjoni ta' l-appellanti hi diretta kontra d-decizjoni tat-Tribunal li bid-digriet tieghu moghti fl-udjenza tas-17 ta' April, 2007 innomina "espert" biex

jisma' x-xhieda anonima tal-kumpanija appellata ha jkun assikurat minnu illi l-kondizzjonijiet-gwida dettati fid-decizjoni ta' l-Employment Appeal Tribunal Ingliz in re: "**Linfood Cash and Carry Ltd -vs- Thomson**" **[1989]** gew ottemperati. Ghal precizazzjoni, l-impunjattiva ta' l-appellanti hi kollegata ma' dik tal-konsiderazzjoni maghmula fis-sentenza appellata li biha t-Tribunal esprima l-fehma illi b'dak id-digriet tieghu hu ried jaghmel verifika indipendenti ta' l-attendibilita` tax-xhieda anonima mismugha fil-kors tal-process dixxiplinarju intern mill-kumpanija;

Premessa l-qalba tal-kontestazzjoni, huwa opportun li jinghad qabel xejn illi l-principju tas-smigh xieraq, li mieghu l-appellanti jorbot l-aggravju kollu tieghu, jikkostitwixxi, bla dubju, regola processwali inderogabbli li trid dejjem tigi rispettata. Il-garanzija ta' dan il-principju tikkontempla n-necessita ta' dik l-esigenza razzjonali u ekwitattiva illi l-partijiet kollha fil-litgju jigi rispettat lilhom id-dritt li jiddefendu b'mod shih il-kaz taghhom fil-kontradittorju tal-kontro-parti u li jkunu moghtija l-opportunita` li jippartecipaw fl-istruttorja tal-kawza. Kompriz f'dan, il-possibilita` ampja li jikkontroezaminaw ix-xhieda fuq fatti u cirkostanzi li t-tribunal aggudikanti jkun qieghed ghab-bazi tar-*ratio decidendi* tieghu. Il-logika paritarja, ossija l-principju ta' dak maghruf bhala "*equality of arms*", timplika illi "*each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case, including his evidence, under conditions that did not place him in substantial disadvantage vis-a-vis his opponent and that threrefore there must be a fair balance between the parties*" ("**The right to a fair trial in the case law of the organs of the European Convention of Human Rights**" by **Fraus Matscher** li jikkwota l-kaz "**Rasmussen -vs- Denmark**" 28/11/1984 A/87 – "**The Right to a Fair Trial**" *ibid. pages 10 et sequitur*). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta' Dicembru, 2000 fl-ismijiet "**Joseph Grech -vs- L-Avukat Generali**", li minnha din is-silta hi mehuda;

Kif inhu sew konoxxut, kwestjonijiet ko-involgenti rapport tax-xoghol u materji implikanti nuqqas ta’ l-osservanza tad-diligenza fl-ezekuzzjoni tad-doveri da parti ta’ l-impjegat jew dik ta’ xi kondotta abusiva jew negattiva tieghu, jippartecipaw minn zewg stadji: il-wiehed extra-gudizzjarju regolat minn proceduri interni ta’ dixxiplina u dik tal-kontestazzjoni ta’ l-addebitu li bih l-impjegat jigi konfrontat; l-iehor gudizzjarju, ghal kaz fejn, bhala mizura ta’ dixxiplina, l-impjegat jisfa mkecci mill-post tax-xoghol. Fil-kaz prezenti, jidher li l-appellanti jgib ‘il quddiem allegazzjoni ta’ irregolarita` jew ta’ mankanza tal-harsien sostanzjali tas-smiegh xieraq fil-konfront ta’ dawn iz-zewg stadji. Dan fejn jissottometti illi ma gietx akkonsentita lilu l-possibilita` li jiffaccja lill-akkuzaturi anonimi tieghu bil-kontro-ezami debitu, u dan lilu qeghdu fi zvantagg procedurali li jiddefendi adegwatament l-akkuza bazika diretta kontra tieghu;

Hadd ma jiddisputa illi ma hijiex illegittima l-investigazzjoni preliminari li ssir minn principal fl-istadju extra-gudizjarju ghall-iskop li jakkwista taghrif dwar dawk l-elementi necessarji ghall-gudizzju tal-verifika minnu tal-konfigurabilita`, o meno, ta’ l-illecitu allegatament kommess minn impjegat tieghu li hu jkun behsiebu jiddixxiplina jew jillicenzja. Ma jidherx lanqas, almenu skond certa dottrina u gurisprudenza, sew Ingliza u kontinentali, illi jezisti kuntrast illi, jekk l-esigenza tal-verifika dan tirrikjedih, dik l-investigazzjoni tigi kondotta b’certa rizervatezza. In effetti, dan jidher li hekk sar ukoll f’dan il-kaz meta l-process dixxiplinarju intern kien jinsab fl-istadju ta’ l-appell tieghu. Minn dak ddikjarat mix-xhud Tonio Portughese, li ppresjeda dak l-appell, kien hemm il-qbil komuni li, *inter alia*, hu jisma’ x-xhieda li xtaqu jibqghu anonimi u wara jirrelata lill-partijiet il-valutazzjoni tieghu dwar l-accertamenti maghmula. (Ara deposizzjoni tieghu a fol. 46 *et sequitur* u dik tax-xhud Albert Fenech a fol. 62). Sa hawn din il-Qorti ma tarax kif l-ilment ta’ l-appellanti cirkoskritt ghal dak l-istadju pre-processwali jista’ jregi, gjaladarba hu nnifsu, assistit minn Avukat u rapprezentant sindakali, kien konsenzjenti illi l-iskjaramenti dwar l-akkuza tat-tipjip fuq il-post tax-xoghol jikkonducihom

indipendentement c-Chairman tal-Bord ta' l-Appell kostitwit fit-termini tal-Ftehim Kollettiv;

Jidher li fil-kors tal-procediment quddiemu, it-Tribunal hass il-htiega li jahtar persuna bhala investigatur biex dan jisma' x-xhieda ta' l-impjegati anonimi li kienu ghaddew lill-kumpanija informazzjoni fuq l-appellanti, u b'dan gharraf lill-partijiet (ara Verbal tas-27 ta' Frar, 2007). L-appellanti oggezzjona li dan isir b'dak il-mod u nsista li dawk l-impjegati jinstemghu mit-Tribunal sabiex ikun jista' jaghmel il-kontro-ezamijiet relattivi taghhom (ara Nota tieghu a fol. 60). It-Tribunal jidher li ma qabelx ma' dan u ghadda ghall-hatra ta' l-investigatur biex, skond id-digriet tieghu aktar 'il fuq imsemmi, jkun assikurat li l-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-decizjoni, ukoll hawn fuq riferenzjata ta' l-Employment Appeal Tribunal Ingliz, kif rapportat f'**Selwyn's "Law of Employment",** ikunu pjenament sodisfatti;

Tajjeb li l-ewwelnett jigi denotat illi fejn l-awtur imsemmi Norman Selwyn jirreferi fl-opra omonima tieghu ghal dak il-precedent tat-Tribunal Ingliz dan hekk jaghmlu fil-kapitolu intestat "Disciplinary, Dismissal and Grievance Procedures". In partikulari, taht ir-ras "**Investigations by the Employer**" (**Op. cit., 15th Edition, 2008 para 12.3 pagna 328**). Jinghad a propozitu f'para. 12.6 illi "*when an allegation of an employer's misconduct has been made by an informant, a balance must be maintained between the need to protect the informant and respect his anonymity, and providing a fair hearing to the accused*". L-awtur jghaddi mbaghad biex jiccita l-kaz "**Linfood Cash and Carry Ltd -s- Thomson**" biex minnu jislet il-linji-gwidi li, f'kaz bhal dan, kellhom jinzammu mill-principal f'dik il-fazi ta' l-investigazzjonijiet tieghu;

Bir-rispett dovut din il-Qorti ma taqbelx li l-konsiderazzjonijiet ta' dak il-precedent tat-Tribunal Ingliz setghu, jew kellhom, jigu trasportati ghall-istadju gudizzjarju tal-vertenza. Veru li dik id-decizjoni fil-kaz

partikulari tipprovdi limiti precizi ghall-ezercizzju tad-diskrezzjonalita` minn principal ta' kif jigbor taghrif minn xhieda anonimi. B'danakollu, fil-fehma ponderata ta' din il-Qorti, u, cionostante dawk l-istess limiti precizi, dak l-ezercizzju ma kellux jigi kondott mit-Tribunal, qisu hu l-investigatur u mhux il-principal. Dan lanqas ghall-iskop biex jikkontrolla u jhossu sodisfatt li l-indagini giet sew kondotta *rite et recte*. Meta t-Tribunal iddecieda li kellhom jinstemghu x-xhieda li xtaqu jibqghu anomini, u dan bil-mod prospettat minnu fid-digriet, hu gie li illeda d-dritt ta' l-appellanti li jkollu f'sede gudizzjarja, smigh xieraq u apert. Dan qed jigi rilevat in kwantu, fil-hsieb tal-Qorti, meta f'sede gudizzjarja l-impjegat imkecci jkun qed jikkontendi l-legittimita` ta' dak il-licenzjament tieghu, ir-riskontru dwaru ghandu jsir bla ebda kondizzjonament. Anzi, inversament, b'dik l-estensjoni shiha u libera tad-dritt tad-difiza garantita lilu mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Dan, maggorment, imbaghad, fejn ix-xhieda li hekk tinstema tkun l-akkuza centrali u preponderanti riflettenti fuq il-kondotta negattiva tieghu konducenti ghat-tkeccija. Meta hekk jigri, kif hekk sfortunatament gara f'dan il-kaz, il-valur probatorju ta' dik ix-xhieda u dak tal-konvinciment irpozat fuqha, hu, biex jinghad l-anqas, ferm pregudizzjevoli ghall-parti li tkun qed tiddefendi l-jeddijiet taghha. Jekk xejn, ghaliex, fl-opinjoni tal-Qorti, il-valur probatorju ta' dik l-istess xhieda mhix kontrobilancjata kif imiss la l-appellanti ma nghatax l-opportunita` li jikkontro-ezamina x-xhieda, akkuzaturi principali tieghu. Dan, aktar u aktar, fejn ikunu disponibbli mezzi ohra ta' prova u ta' fatti approprijati ghad-determinazzjoni tal-kontroversja. *Inter alia*, anke xhieda "*hearsay*" ghaliex, kif saput, f'certi cirkostanzi, anke din ix-xhieda hi permessa u l-Qorti jew it-Tribunal jista' jippermettu xhieda fuq kliem haddiehor meta dan l-istess kliem ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawza <u>jew</u> ikun jaghmel parti mill-mertu, <u>jew</u> inkella meta dan haddiehor ma jkunx jista' jingieb biex jixhed, u l-fatti jkun tali li ma jkunux jistghu jigu ppruvati sewwa xort'ohra. Ara Artikolu 599 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-sentenza fl-ismijiet "**Rita Schembri -vs- Avv. Dr. Albert Grech *nomine***", Qorti Civili, Prim' Awla, 16 ta' April, 1953 u "**Avv. Dr.**

**Giovanni Bonello -vs- Alfred Mifsud**", Appell, sede Inferjuri, 14 ta' Jannar, 1986;

Il-konkluzjoni ta' dawn il-konsiderazzjonijiet hi dik li s-sentenza ghandha tigi annullata u l-atti rimessi lura ghar-rikonsiderazzjoni tat-Tribunal. Naturalment, hu suggerit li dan ghandu fl-ewwel lok u qabel kull konsiderazzjoni *ex novo,* jiddeciedi jekk ix-xhieda anonima ghandhiex tithalla in atti. F'kaz affermattiv l-appellanti ghandu jigi akkordat l-opportunita` li jikkontro-ezaminahom; f'kaz kuntrarju, li dik l-istess xhieda tigi sfilzata u t-Tribunal jghaddi biex jaghmel l-konsiderandi tieghu fuq il-provi l-ohra attendibbli. Il-pratticita` tal-ghazla hi mhollija fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal ghax, wara kollox, kien hu li ddecieda li tinstema' dik ix-xhieda.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex dan jiddeciedi l-kawza skond il-ligi u fid-dawl tal-konsiderandi superjorment maghmula. Fic-cirkustanzi huwa xieraq li l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partjiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------